**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 91 / 2009**

**Il-Pulizija**

**Spettur Norbert Ciappara**

**Vs**

**Eugenio Camenzuli**

Illum, 29 ta' Lulju, 2021,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Eugenio Camenzuli ta' 43 sena mwieled Siggiewi fit-18 ta' Ottubru 1958 iben Domenico u Vincenza nee Micallef, residenti 6 Blk S Mtarfa Rabat Malta, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 14359 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Fis-17 ta' April 2001 u matul il-gimghat ta' qabel din id-data kkoltiva l-pjanta cannabis u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(c) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fis-17 ta' April 2001 u l-gimghat ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8 (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Marzu, 2009, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17H tal-Kap 9, 8 (c), 8 (d), 22 (1) (a), 22 (2) (b) (i) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrieh, bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel wahda ai termini ta' l-artikolu 17 H.

Dwar il-piena, il-Qorti ikkonsidrat zewg elementi. Illi hawn si tratta ta' pjanta wahda, kif wkoll illi l-Ufficjal tal-Probation wizen il-fatti kollha u qalet illi l-imputat dejjem kellu impieg stabbli, kien rispettat u fdat fuq il-post tax-xoghol u kif wkoll li huwa temm b' success program ta' rijabilitazzjoni kontra l-abbuz tad-droga. Ma dak li qed jinghad fir-rapport, il-Qorti qabblet dak li jinghad minn SM 45 Marisa Bartolo fix-xhieda taghha tat-12 ta' Gunju, 2006 a fol 68, illi effettivament kienet rat lill-imputat jaqla' xi pjanti zghar u jitfaghhom minn fuq ghal isfel. Dawn gew mghoddija lill-Ispettur biex ssir iktar investigazzjoni.

Il-Qorti qieset wkoll li prattikament l-imputat ghamel l-ammissjoni fl-ewwel dehra tieghu fit-12 ta' Gunju 2006.

Ghaldaqstant il-Qorti ikkundannat lill-imputat ghall-minimu stabbilit mil-ligi li huwa sitt xhur habs u mitejn lira multa 465.87 Euro. Il-multa ghandha tithallas b' rati ta' 93.17 Euro fix-xahar, bl-ewwel pagament jsir mhux iktar tard minn erba' gimghat millum. Fin-nuqqas ta' hlas ta' xi pagament, il-bilanc jkun dovut f' daqqa u jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din ghandha tinbidel f' jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro mhux imhallsa.

Ai terminu ta' l-Artikolu 533, il-Qorti mhix tikkundanna lill-imputat jhallas l-ispejjez ta' l-esperti ghaliex dawn saru fl-inkjesta u l-inkjesta saret qabel is-16 ta' Jannar 2006. Fl-ahharnett il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellant Eugenio Camenzuli minnhu pprezentat fit-23 ta' Marzu, 2009, fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tirriforma is-sentenza ta' l-10 ta' Marzu, 2009

billi filwaqt li tikkonfermha in kwantu ghall-htija, tikkancella u thasar il-piena inflitta mill-ewwel Qorti u tikkundanna lill esponent dik il-peina li hija aktar idenea u ekwa ghall-kaz odjenr salv dak li din l Onorabbli Qorti joghgobha tordna.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi dan l-appell mhux qed isir mir-responsabilita tal-htija li sabet l-Ewwel Qorti fuq l-esponent u dan stante illi l-istess esponent kien ammetta mal-ewwel l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Illi ghalhekk dan l-appell qed isir in kwantu ghall-piena inflitta lill-esponent mill-Ewwel Qorti. Il-piena li l-Ewwel Qorti tat lill-esponent hija il-minimu illi jistabilixxi KAP 101 ghall-kazijiet ta' koltivar ta' sustanzi projbiti bhalma hija l-kannabis. KAP 101 ma jaghmilx distinzjoni jekk l-ammont tas-sustanza koltivata hijiex minima tant li jkun evidenti li tkun ghall-uzu personali jew le imma jikkunsidra l-koltivar ta' sustanzi illegali bhat-traffikar ta' l-istess sustanzi. Semplici pussess ta' sustanzi illegali ghall-uzu personali ma jgibux piena minima ta' karcerazzjoni imma sahansitra l-Qorti tista' tillibera lill-akkuzat li jkun quddiemha bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat fi zmien li l-Qorti tqis xieraq timponi.

Illi fil-kaz odjern, l-ammont ta' droga kannabis illi instabet fil-pussess ta' l-esponent kien tant minimu li huwa evidenti li tali ammont u cioe 0.02 grammi ma setghax ikun traffikat, pero minhabba l-fatt illi din id-droga instabet fil-forma naturali taghha bhala pjanta, tigi ikkunsidrata bhala koltivar u mhux pussess semplici u ghalhekk il-Qorti imponiet piena karcerarja.

Illi irrizulta mill-atti l-ewwel u qabel kollox illi minn meta sar il-fatt li bih gie akkuzat l-esponent ghal meta effettivament tressaq il-Qorti, ghadda certu tul ta' zmien u cioe

ftit inqas minn 5 snin. Illi matul dan iz-zmien kollu l-esponent ma baqax jaghmel uzu minn sustanzi illegali u irriforma ruhu tant li anki ghandu impjieg stabbli u irnexxielu isib irkabtu ta' hajtu. Issa peress li l-esponent tressaq il-Qorti wara dan is-snin kollha, tharbtitlu hajtu kollha minhabba l-piena li ggib maghha akkuza ta' koltivar ta' droga.

Illi KAP 101 ma jaghti l-ebda definizzjoni ta' x' inhi kultivazzjoni. Wiehed jifhem illi b' kultivazzjoni l-akkuza ghandu juza attenzjoni u jara li miz-zerriegha il-pjanta tikber u taghti l-prodott. Il-kultivazzjoni timplika li min ikun qed jikkoltiva l-kannabis, qed jaghmel dan biex ikollu kwantita sufficjenti sabiex ikun jista jipprocessha u jbieghha u kwindi jitraffikha. Fil-kaz odjern, ghalkemm xorta wahda kien hemm tkabbir ta' pjanta wahda f qasrija wahda, l-Ewwel Qorti qieset dan il-kaz bhala kultivazzjoni bi ksur ta' l-artiklu 8 (c) tal-KAP 101

Illi l-kaz odjern aktar kellu karatteristici li jindikaw li kien hemm biss pussess semplici tad-droga u mhux kultivazzjoni fis-sens wiesgha tal-kelma u dan jirrizulta b' mod ampju mill-fatt li l-ammont li instab ma seta qatt intuza biex ikun hemm kultivazzjoni b' tali ammonti li jindikaw traffikar tal-kannabis.

Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tapplika id-dispozizzjonijiet li solitament tapplika fkaz ta' pussess semplici tenut kont tal-fatt illi l-ammont ta' droga kien minimu u wkoll tenut kont tal-fatt illi tant ghadda zmien mill-fatt in kwistjoni sal-mument li l esponent tressaq il-Qorti li piena karcerarja fil-kaz odjern ghandha effetti dizastruzi fuq il-hajja riformata ta' l-esponent.

Semghet lil-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-1 ta' Lulju. 2021

Ikkunsidrat.

Illi f'dan il-kaz l-appellant kien irregistra ammissjoni quddiem l-ewwel Qorti nhar it-12 ta' Gunju, 2006 u dan fil-presenza ta' l-avukat difensur tieghu fejn dak in-nhar stress ukoll kien talab in-nomina ta' probation officer sabeix ihejji pre-sentencing report u l-Qorti kienet laqghet it-talba tieghu. Illi ghalhekk dan l-appell li gie intavolat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorit nhar it-23 ta' Mejju 2009 jittratta BISS fuq kwistjoni tal- piena inflitta. L-appellant stqarr li l-ammont ta' droga li nstabet ghand l-appellant kienet *de minimis* u cioe 0.02 grammi ta' Cannabis. Minkejja dan huwa konsapevoli li meta l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tar-reati ta' pussess ta' droga Cannabis u koltivazzjoni ta' l-istess hija ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' sitt xhur prigunerija flimkien ma multa ta' mitejn liri Maltin (Lm 200) il-perijodu ta' prigunerija kien il-minimu stabilit fil-ligi fis-sena 2009.

Issa kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Charles Victor Edward Cassar**[1] w anki kif illum preseduta, "*principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment , tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha.*" (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** [2]u ohrajn.) Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx "*safe and satisfactory*" li tinstab il-htija addebitata lill-appellanti .

Jinghad ukoll li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta hlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew jekk tkun sproporzjonata u manifestament eccessiva fic-cirkostanzi. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb'**[3]:

*'Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil- parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-***

[1] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id- 29 ta' Mejju 2003
[2] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Mejju 2002
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007)

***Repubblika ta' Malta vs. David Vella"*[4]*, "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"*[5] *u ohrajn.)*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi'**[6]: il-Qorti kkunsidrat li '*Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal- ligi jew tkun manifestament eccessiva.*' Madankollu, il-Qorti f'dak il-kaz qieset ic-cirkostanzi partikolari u ddecidiet li '*stante n-novita' tal-kaz in ezami w peress li l- appellant seta' genwinament kellu l-impressjoni li quod bikes ma ghandhomx bzonn licenzja biex ikunu fuq it-triq u li ma ghandhomx bzonn ikollhom kopertura ta' asskurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi, din il-Qorti thoss li hemm raguni specjali biex il-periodu tas-sospensjoni w skwalifka tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant jigi imnaqqas.*'

Fil-kaz odjern pero' din il-Qorti tirrileva li dan hu kaz li ilu pendenti sa mis-sena 2002 u ghalhekk stante li l-ligi li titratta ir-reat ta' koltivazzjoni inbidlet miz-zmein, sar tibdil minn meta gie prezentat dan il-kaz, tali tibdil ghandu jigi rifless ukoll fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti. Il-Qorti ta' l-appell ghalkemm hija Qorti ta' rivisjoni ghandha ukoll id-dover li taghti is-sentenzi taghha skond il-ligi in vigore fi-zmien tas-sentenza u ghalhekk f'dan ir-rigward din il-Qorti hija obbligata taghti kaz l-emendi li gew introdotti ricentement.

L-Att IV tal-2020 gie promulgat sabiex jemenda l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101, u sabiex jipprovdi dwar dak li għandu x'jaqsam mal-koltivazzjoni għall-użu esklussiv tal-ħati. Illum il-gurnata kuntrarjament ta' kif kienet il-posizjoni meta l-appellant instab hati tar-reat ta' koltivazzjoni fis-sena 2009, sta ghal Qorti biex tqis jekk il-pjanti ta' Cannabis misjuba humiex ta' kwantita' zghira u jekk giex ippruvat li dawn kienu ghall-uzu esklussiv tal-appellant. Ghalhekk illum il-gurnata, il-ligi ma tipprojbix persuna li jkun ikkultiva aktar minn pjanta wahda tal-Cannabis milli jinghata piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija effettiva. Ghalhekk

[4] Deciza fl-14 ta' Gunju, 1999
[5] Deciza fl-24 ta' April, 2003
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2009 (Appell Kriminali numru: 400/2009)

anke jekk persuna tkun ikkultivat aktar minn pjanta wahda tal-Cannabis ma jfissirx li piena ta' prigunerija effettiva hija tassattiva. Kollox jiddependi dwar jekk il-Qorti tkunx sodisfatta li l-pjanti misjuba kienux ghal uzu esklussiv tal-hati.

Ghalhekk din il-Qorti trid tara ftit il-background ta' dan il-kaz u x'wassal lill-prosekuzzjoni tressaq lill-appellant il-qorti biex f'kaz li jirrizulta li l-koltivazzjoni tal-pjanti li instabu ghand l-appellant kienu intizi ghall-uzu personali tieghu din il-qorti tkun f'posizjoni li tirriforma is-sentenza tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta. L-ewwel Qorti meta giet biex teroga l-piena li kellha tinfliggi qiset il-fatt li skond ir-rapport tal-espert Dr Mario Mifsud li kien gie mahtur fil-mori tal-inkljesta dan stabilixxa illi l-weraq li kien hemm fid-dokument 01AW1301 kellhom ammont net totali ta' 0.02 grammi ta' Cannabis. Jirrizulta ukoll skond dan ir-rapport inkluz fl-inkjetsa din kienet sejba ta' pjana wahda tal- Cannabis. L-ewwel Qorti qiset ukoll dak li qalet l-ufficcjal tal-probabion u cioe' Carmen Nygard li l-appellant dejjem kellu impieg stabbli, kien rispettat fuq il-post tax-xoghol u li huwa temm b'success program ta' rihabilitazzjoni kontra l-abbuz ta' droga. Qiset ukoll l-ammissjoni bikrija tieghu. Pero' min naha l-ohra kienet marbuta timponi piena karcerarja fil-minimu taghha ta' sitt xhur ghaliex l-ligi kif kienet fis-sena 2009 kienet tipprojbixxi l-applikazzjoni tal-Att dwar il-Probation kif ukoll l-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u kienet tipprovdi prigunerija minima statutorja ta' sitt xhur f'kaz ta' sejba ta' htija ta' koltivazzjoni ta'droga Cannabis.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi migbura. Rat dak li stabilixxa Dr. Mario Mifsud fir-rigward tal-ammont ta' droga li kkoltiva l-appellant u cioe' 0.02 grammi kif deskritt fir-relazzjoni tieghu a fol.22 mmarkat Dok MM. Rat dak li qal l-istess appellant fl-istqarrija tighu rilaxxjata a tempo vergine tal-investigazzjoni nhar is-17 ta' April 2001[7] ( Dok NC 1) u cioe' li xi tlett gimghat qabel ma irrilaxja l-istqarrija tieghu kien Paceville u iltaqa' ma xi hadd li tah naqra haxixa. Jghid li zamm iz-zerriegha u meta mar id-dar tefaghha gewwa qasrija u saqqiha u nibtet. Jghid li kienu telghu xi tlett xtieli ghalkemm meta marru l-pulizija qalaghhom u tefaghhom barra mit-tieqa ghax

[7] Fol. 65 ta' l-atti proceswali

ippanikja. SM 45 Marisa Bartolo fix-xhieda taghha tat-12 ta' Gunju 2006 tikkonferma dak li qal l-appellant billi tghid li hija rat lill-istess appellant jaqla' xi xtieli li kienu zghar u jitfaghhom minn fuq ghal isfel. Hija gabrithom u ghaddiethom lill-espert biex jigu analizzati u ghalhekk din il-Qorti ghandha is-serhan tal-mohh li l-ammont net ta' din id-droga kien ta' 0.02grammi.

Rat dak li qalet l-ufficcjal tal-probabtion fil-pre sencending report taghha prezentat fil-5 ta' Dicembru 2006 dok PO[8] fejn jirriuzlta li l-ewwel darba li l-appellant inqabad bid-droga kien meta kellu tmitnax-il sena meta mar ghall-ghajnuna minnufih . Qalet li baqa' jadem mal Lombard Bank. Kien hemm repetizzjoni meta l-appellant kellu erbghin sena meta rega inqabad bid-droga izda rega mar u talab l-ghajnuna u ghamel program Santa Maria. Dak iz-zmien kien ghaddej bit-tehid ta' l-Eroina u qajla kien jaghti kaz l-Cannabis . Ikkonfermat li l-appellant kien fil-fatt kien il-habib tal-appellant li kien xtara il Cannabis u kien rema z-zerreigha go qasrija pero kien hu li kien isaqqi l-pjanta. Qalet li huma kellu l-ebda intensjoni li jittrafika din id-droga. Qalet li l-appellant kellu relazjoni tajba anke ma uliedu u li jkun hasra li jmur il-habs . Qalet li kellu l-fiducja ta' kulhadd anke ta' fejn kien jahdem.

Din il-Qorti pero' stante it-trapass kbir taz-zmien ridet tara jekk l-appellant baqax fit-triq it-tajba il-boghod mit-tehid ta' droga u kien ghalhekk li laqghet it-talba tad-difiza li jsir social inquiry report iehor. Dan gie prezentata fl-1 ta' Lulju 2021 meta dehret l-ufficcjal tal -Probation Maria Mifsud u pprezentat ir-rapprot taghha[9]. Din ikkonfermat li l-appellant m'ghandux il-vizzju ta' droga u li hija hadet diversi kampjuni tal-awrina tal-appellant waqt li kienet qed tikkompila r-rapport taghha u dawn taw rizultat negattiv ghal presenza ta' sustanza illecita. Ikkonfermat li kien ghamel program ta' rihabilitazzjoni u li kien spiccah b'success. Spjegat li tkelmet mat-tabib tal-familja tieghu Dr Godfrey Farrugia u dan ikkonferma maghha li kien hemm tibdil kbir fil-hajja tal-appellant u qatt ma kien rah daqstant stabbli f'hajtu. Hija fil-fatt ikkomkludiet billi issugeriet li bhala pjan ta' kura ghandu jibqa' ghaddej f'hajja stabbli 'l boghod

8 Fol. 77 tal-process
9 Fol. 258 ta' l-atti tal-process

mill-kriminalita' u l-vizzju u ghandu jkompli jiffoka fuq l-aspett familjari.

Minn esami tal-fedina penali esebita fl-atti jirizutla li waqt l-andament ta' dan l-appell u cioe li dam ghaddej ghoxrin sena l-appellant ma kellu l-ebda conviction ohra registrat fuqha u ghalhekk din hija prova li l-appellant ghamel hiltu kollha biex izomm il-boghod mill-hajja ta' kriminalita u ta' dan l-qorti tawguralu.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga' jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta. Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lil appellant sabiex jkompli jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta' li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin.

Illi illum il-gurnata, il-ligi tistipula li persuna li jkun ikkultiva aktar minn pjanta wahda tal-Cannabis jista' jinghata piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija effettiva, izda l-Qorti trid tkun sodsfatta li l-koltivazzjoni kien ghall-uzu esklussiv tal-persuan f'liem aeventwliata tista tuza id-diskrezzjoni li ma timponix piena ta' prigunerija .

L-**artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101** tal-Ligijiet ta' Malta illum jipprovdi:

> '*Ghall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u blespressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'mediċina, tinkludi lkoltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx ghall-użu esklussiv tal-hati l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-użu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni,id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista,li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti*

*ta'informazzjoni intiża biex twassal ghax-xiri ta' tali mediċina bi ksurta' din l-Ordinanza:*

*Iżda fil-każ ta' koltivazzjoni jew importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik il-koltivazzjoni jew importazzjoni kienet ghall-użu esklussiv tal-hati, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation kif ukoll l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali ma jghoddux.'*

Ghalhekk skont dan l-artikolu, sabiex il-kultivazzjoni tikkostitwixxi traffikar, il-Qorti trid tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kinitx ghall-uzu esklusiv tal-hati. L-appellant mhux akkuzat bi traffikar izda b'koltivazzjoni tal-pjanta Cannabis u pussess smeplici tal-pjanta Cannabis. F'dan ir-rigward, l-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta illum jaqra:

'Meta r-reat ikun reat taht l-artikolu 4 jew taht l-artikolu 8(ċ) hlief f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti hija sodisfatta li dik il-koltivazzjoni kienet ghall-użu esklussiv tal-hati, ta' jew ikun jikkonsisti fil-bejgh jew traffikar ta' mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ikun reat taht is-subartikolu (1)(f), jew ikun reat ta'pussess ta' mediċina, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taht tali ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx ghall-użu esklussiv tal-hati,jew ikun reat imsemmi fis-subartikoli (1Ċ) jew(1D) jew (lE), prigunerija ghal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba'mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmeninċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha utmenin ċenteżmu (11,646.87); u'Ghalhekk l-artikolu applikabbli huwa l-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ghalhekk piena ta' prigunerija effettiva mhijiex tassattiva.

Din il-Qorti ghalhekk nonostante l-fatt li nstabu sitt pjanta f'pot wahda, ai fini ta' piena sejra tiehu in konjizzjoni diversi fatturi fosthom il-fatt li l-appellanti zera din il-pjanta ta' 0.02 grammi Cannabis ghal uzu esklussiv tieghu, il-fatt li ma kellu l-ebda intenzjoni sabiex jaqsam din il-pjanta ma haddiehor (skond kif konfermat mill-ufficjal tal probation Nygard) u lanqas li tittraffikaha. Mill-atti jirrizulta ukoll li l-appellant ikkopera bis-shih mal-Pulizija mill-bidu nett tal-investigazzjoni tant li l-appellant

ikkoperatmal-Pulizija mill-mument li huwa gie avvicinata mill-Pulizija irrilaxja stqarrija fis-sena 2001 u assuma responsabbilta' ta' dak misjub fir-residenza tieghu.

**Din il-Qorti ukoll tqis il-fatt li din il-kawza damet pendenti quddiem il-Qorti ghal ghoxrin (20) sena. L-appellant tressaq il-Qorti nhar l-1 ta' Ottubru 2002 tmintax-il xahar wara li kien irrilaxja l-istqarija tieghu[10]. L-ewwel sentenza minkejja l-ammissjoni tieghu inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' Marzu, 2009 u cioe seba' snin wara. In segwitu gie intavolat appell nhar it-23 ta' Marzu, 2009 u dan dam pendenti sa illum. Jinghad li dan il-kaz spicca quddiem din il-Qorti kif presedut fl-4 ta' Mejju 2021 [11] wara li kien ilu pendent ghal hdax il-sena quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Fil-mori ta' dan l-appell kien gie prezentat rikors Kostituzzjonali mill-appellant f' Novembru, 2010 u dan dam pendenti sas 16 ta' Dicemrbu, 2013 meta il kaz gie deciz finalment mill-Qorti Kostituzzjonali.[12] Minn dakinhar 'l hawn il-kaz baqa' sine die quddiem din il-Qorti diverament preseduta. Illi dan id-dewmien esagerat ukoll gie mehud in konsiderazzjoni meta din il-Qorti giet biex terroga l-piena taghha**

Ghalhekk gialadarba llum il-gurnata l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni sabiex taghzel tapplikax piena ta' prigunerija effettiva meta l-Qorti tkun sodisfatta li l-koltivazzjoni tal-pjanta Cannabis kienet ghall-uzu esklussiv tal-hati, u tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet kollha maghmulha inkluz tal-fatt li jirrizulta car li l-koltivazzjoni kienet ghall-uzu esklussiv tal-appellant, sejra ghalhekk tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellanta ghal sitt (6) xhur prigunerija effettiva u sejra minflokk tordna li l-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija tigi sospiza ghal zmien sena ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tikkonferma l-htija tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellanti, tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellanta ghal sitt (6) xhur prigunerija effettiva u minflokk tikundanna lill-appellanti ghal sitt (6) xhur prigunerija li permezz tal-artikolu 28A tal-

---

[10]Fol. 65 ta' l-atti processwali
[11] Fol. 253 tal-process
[12] Fol. 229 tal-atti processwali

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal sena (1) mil-lum.

Din il-Qorti tikkonferma fejn il-Qorti ikkundannat lill-appellanta ghal hlas ta' multa ta' mitejn liri Maltin ekwialenti ghal 466 euro (€466) li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hatja f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien gimgha mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos milli thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Din il-Qorti tikkonferma l-ordni maghmulha ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-appellant gie ikkundannat ihallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar dan il-kaz. Din is-somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien xahrejn mil-lum.

Tikkonferma l-ordni ghad-distruzzjoni tal-weraq, tal-haxix esebit in atti, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-appellanti l-portata ta' din is-sentenza u wissietu dwar il-konsegwenzi jekk huwa jikkometti reat iehor waqt il-perjodu operativ ta' din isisentenza.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef